MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 1179/2003/1

**Charles Mattocks**

**v.**

**Dr Anthony Gruppetta bħala *chairman* tal-Bord tal-Għażla;**
**u Direttur Ġenerali (Agrikoltura)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur li tghid hekk:

“Billi sa ftit xhur ilu l-attur kien impjegat fis-servizz civili mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura bhala Senior Agricultural Officer.

“Billi l-attur kien applika ghall-post ta’ Principal Agricultural Officer skond sejha ghall-applikazzjonijiet mahruga bhala MPO Circular No. 79/99.

“Billi fil-ftehim iffirmat fil-11 ta’ Lulju 1995 kien gie stipulat illi: “B.2.3. Vacancies in the grade of Principal Agricultural Officer will be filled by selection from among Senior Agricultural Officers”.

“Billi l-affarijiet mill-ewwel deheru irregolari ghaliex minflok intqal sempliciment “...applications from serving public officers in the grade of Senior Agricultural Officer for the posts of Principal Agricultural Officer in the Department of Agriculture...”, fis-sejha ghall-applikazzjonijiet infetah bieb sabiex certi individwi jigu vvantaggjati: “...in the undermentioned fields ... (a) Urban and Rural Landscaping Unit, (b) Pitkali Markets, (c) Plant Quarantine Section, (d) Programmes and Initiatives Unit.” Din il-kwalifika giet imfassla ghal dawk li diga` kienu qeghdin jahdmu “de facto’ fis-sezzjonijiet imsemmija, u ghalhekk wiehed seta’ jbassar min kienu l-individwi li sejrin jinghazlu.

“Billi gie mahtur Bord ta’ l-Ghazla b’Dr. Anthony Gruppetta bhala Chairman biex jezamina lill-applikanti skond dawn il-kriterji:

| | |
|---|---|
| Related Professional Knowledge | Marka massima 30 |
| Relevant Experience | Marka massima 25 |
| Leadership Abilities | Marka massima 20 |
| Qualifications | Marka massima 15 |
| Personal Qualities | Marka massima 10 |

“Billi l-attur kien l-uniku kandidat li ghamel kors ta’ disa’ (9) xhur (sena akkademika shiha) gewwa Writtle Agricultural

College fir-Renju Unit. Dan il-kors specjalizzat gewwa dan il-Kullegg rinomat kellu jpoggih minn ta’ fuq nett fost il-kandidati kollha. Fil-fatt l-attur kien inghazel ghal dan il-kors ghaliex kien meqjus impjegat kkompetenti u kapaci.

“Billi gara pero` illi l-Bord ta’ l-Ghazla pogga lill-attur fis-seba’ (7) post, b’wiehed u sittin (61) punt. Ghahekk, filwaqt li s-sitt (6) kandidati l-ohra nghataw promozzjoni ghall-kariga ta’ Principal Agricultural Officer, l-attur gie mcahhad mill-promozzjoni li tant kien jimmerita.

“Billi fost l-applikanti kien hemm certu Carmel Mifsud li nghata tlieta u sittin (63) punt u gie promoss. Irrizulta li dan il-kandidat ma kellu l-ebda kwalifiki ghaliex qatt ma attenda ebda kors.

“Billi meta sar maghruf ir-rizultat, l-attur ressaq l-ilment tieghu lill-Prim Ministru, li min-naha tieghu rrefera kollox lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ic-Chairman tal-Bord ta’ l-Ghazla, Dr. Anthony Gruppetta, intalab jaghti spjegazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Izda, minflok ma stqarr li l-attur rcieva ‘*Writtle Agricultural College Diploma of Professional Development in Commercial Horticulture’*, iddikjara ufficjalment illi, ghal dan il-kors, l-atturipprezenta certifikat ta’ attendenza biss. Dan meta c-certifikat ghandu miktub fuqu illi l-attur “*successfully completed”,* jigifieri, ghadda fil-kors u kkwalifika ghall-College Diploma. Dan il-kors kien ikopri: *botany, soil science, plant nutrition, crop protection, crop husbandry, crop management, pests and disease of crops, plant identification, horticulture business environment, computer studies, glasshouse crops, nursery practice, fruit, vegetable and glasshouse practical, farm machinery, fruit crops, enterprise studies, forage and vegetable mechanisation, glasshouse production equipment, farm management, personnel management, administration, marketing, labour planning.*

“Billi l-istess Chairman tal-Bord ta’ l-Ghazla assigura lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku illi l-kandidati l-ohra kienu attendew ghal korsijiet u kisbu certifikati ta’ kwalifikazzjoni u segwew korsijiet ta’ aggornament. Izda,

apparti li hadd mill-kandidati l-ohra ma segwa xi kors barra minn Malta ta’ livell gholi paragunabbli ma’ dak li ghadda minnu l-attur gewwa Writtle Agricultural College (*Special Course in Professional Development*), huwa segwa wkoll diversi korsijiet ta’ aggornament fl-agrikoltura u l-administration: Administration Procedures (1989), Heritage and Conservation (1997), Performance Management Programme (1997), Integrated Pest Management (1998). L-attur ghandu erbghin (40) sena esperjenza fil-qasam agrikolu, li jinkludu diversi snin fis-settur privat.

“Billi, skond taghrif miksub mill-attur permezz ta’ l-Ombudsman, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku wara li ddiskutiet fi tliet seduti separati c-certifikat mahrug minn Writtle Agricultural College, stabbiliet li, kuntrarjament ghal dak li kien qalilha Dr. Anthony Gruppetta, dan ma kienx semplicement certifikat ta’ attendenza.

“Billi minhabba l-agir tac-Chairman u l-membri tal-Bord ta’ l-Ghazla l-attur gie mcahhad mill-promozzjoni ghall-kariga ta’ Principal Agriultural Officer mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura u Sajd.

“Billi d-Direttur Generali (Agrikoltura) approva d-dikjarazzjonijiet maghmula mic-Chairman tal-Bord ta’ l-Ghazla u ghalhekk ghen biex l-attur jigi mcahhad mill-imsemmija promozzjoni.

“Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m’ghandhiex:

“1) Tiddikjara li l-attur kellu kwalifiki oghla mill-kandidati l-ohra u ghalhhekk kellu jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta’ Principal Agricultural Officer, u dan wara li okkorrendo tiddikjara illi fil-process ta’ l-ghazla saru irregolaritajiet u li c-Chairman tal-Bord ta’ l-Ghazla ghamel dikjarazzjonijiet li bihom zvija lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

“2) Tordna li isem l-attur jigi inkluz fil-lista ta’ kandidati promossi ghal din il-kariga b’effett retroattiv, cioe` mid-

data tal-hatra taghhom, u li jinghata l-arretrati ta' salarju u pensjoni li jkunu jirriflettu din il-promozzjoni.

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Dr. Anthony Gruppetta u tad-Direttur Generali ta' l-Agrikoltura li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi preliminarjament it-terminu ghall-prezentata ta' l-eccezzjonijiet ta' l-eccipjentighadu ma bediex jiddekkorri fil-konfront taghhom stante li l-Avukat Generali ma giex notifikat u dan ai termini ta' l-Art. 181(B)(3) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni illi tiehu konjizzjoni tac-citazzjoni promotorja biex tissindika l-operat ta' Chairman ta' Bord tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dan ai termini ta' l-Art. 115 tal-Kostituzzjoni.

"3. Illi subordinatamanet u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti jirrespingu bhala kompletament infondati l-allegazzjonijiet ta' l-attur illi l-applikazzjonijiet ghall-karigi ta' Principal Agricultural Officers inferhu biex jigu vantaggjati certi individwi u li c-Chairman u l-membri tal-Bord ta' l-Ghazla cahdu lill-attur mill-promozzjoni ghall-kariga ta' Principal Agricultural Officer minhabba xi agir irregolari da parti taghhom.

"4. Illi ma jistax jinghad illi ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali u dan meta wiehed iqis li l-attur ma kkwalifikax ghall-kariga msemmija iktar 'il fuq u dan wara konsiderazzjoni tal-kriterji adoperati mill-Bord ta' l-Ghazla.

"5. Illi huma ma ghandhomx ibatu spejjez.

"6. Salv. eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar, 2006, li in forza taghha, wara li laqghet l-

eccezzjoni mibnija fuq l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, helset lill-konvenuti mill-harsien tal-gudizzju u kkundannat lill-attur ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi, skond l-art. 115 tal-Kostituzzjoni, din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tistħarreġ dwar l-għemil ta’ *chairman* ta’ bord tal-Kummissjoni. Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

“L-art. 115 tal-Kostituzzjoni li fuqu hija mibnija l-eċċezzjoni jgħid hekk:

**115.** Il-kwistjoni jekk -

“(*a*) il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tkunx qdiet validament xi funzjoni mogħtija lilha bi jew skond din il-Kostituzzjoni;

“(*b*) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni delegata lil dak il-membru, uffiċjal pubbliku jew awtorità bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 110 ta’ din il-Kostituzzjoni; jew

“(*ċ*) xi membru tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku jew xi uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra tkunx qdiet validament xi funzjoni oħra dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta’ qabel dan, ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.

“Waqt it-trattazzjoni l-attur ressaq l-argument illi din l-“immunità” tolqot biss l-għemil tal-Kummissjoni magħmula mill-membri maħtura taħt l-art. 109 tal-Kostituzzjoni, u mhux lill-Bord tal-Għażla, li sejħilha “sotto-kumitat tal-Kummissjoni”, jew lil kap ta’ dipartiment li jkun qiegħed iwettaq deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-kliem ta’ l-art. 115, iżda, juri ċar illi dan l-argument huwa żbaljat, għax il-para. (*ċ*) igħid illi dak li jgħodd għal dak li tagħmel il-

Kummissjoni nfisha jgħodd ukoll għal dak li jagħmel "uffiċjal pubbliku jew awtorità oħra … … … dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni jew dwar xi funzjoni bħal dik kif hija msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan".

"Aktar serja hija l-allegazzjoni ta' l-attur illi l-proċess tal-għażla kien imniġġes b'qerq.

"Jekk dan hu minnu l-konvenuti ma kinux qegħdin iwettqu xogħol jew funzjoni tal-Kummissjoni, għax l-għemil qarrieqi ma huwiex parti mix-xogħol jew mill-funzjoni tal-Kummissjoni. *Fraus omnia corrumpit* u, kif sewwa jgħid l-attur, fi stat ta' dritt ma jistax jiġri illi min ikun vittma ta' qerq jibqa' bla rimedju, ikun min ikun li jwettaq il-qerq.

"Madankollu, ma hux biżżejjed illi ssir allegazzjoni ta' qerq biex il-qorti tistħarreġ l-għemil tal-Kummissjoni jew ta' min iwettaq xi xogħol jew funzjoni tagħha. Li kien hekk, ikun biżżejjed għal min ikun irid jiftaħ l-għemil tal-Kummissjoni għal stħarriġ ġudizzjarju illi jibni l-kawża tiegħu fuq allegazzjoni ta' qerq biex iseħħ dak li ma jridx l-art. 115 tal-Kostituzzjoni. Ikun meħtieġ illi, f'dan l-istadju fejn il-qorti qiegħda tqis biss il-kwistjoni ta' l-ammissibbiltà ta' l-azzjoni, jintwera *prima facie* illi kien hemm qerq jew imqar suspett gravi ta' qerq.

"Fil-każ tal-lum, l-attur qiegħed igħid illi kien hemm qerq għax id-diploma li kiseb minn istituzzjoni edukattiva barra minn Malta tqies bħala ċertifikat ta' attendenza biss, għax il-kriterji tal-għażla kienu jiffavorixxu lil min kellu esperjenza f'ċerti oqsma, u għax intgħażel floku min ma kellux kwalifika akkademika bħal ma kellu hu.

"Dwar jekk iċ-ċertifikat maħruġ minn *Writtle Agricultural Collerg* tqiesx bħala diploma miksub wara li l-attur temm kors ta' studju jew biss bħala ċertifikat ta' attendenza, l-atti preżentati mill-attur stess juru illi dan ma kellu ebda relevanza fuq id-deċiżjoni finali għax, ukoll jekk it-tifsira tad-diploma kienet interpretata ħażin, il-Kummissjoni kienet saret taf tassew x'tiswa qabel ma approvat id-deċiżjoni tal-bord. Fil-fatt, iċ-ċitazzjoni tgħid testwalment illi:

""… … … il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, wara li iddiskutiet fi tliet seduti separati ċ-ċertifikat maħruġ minn *Writtle Agricultural College*, stabbiliet li, kuntrarjament għal dak li kien qalilha Dr Anthony Gruppetta, dan ma kienx sempliċement ċertifikat ta' attendenza[1]."

"Dan, fil-fehma tal-qorti, juri illi, ukoll jekk fil-bidu kien hemm xi żball — ukoll jekk dan kien doluż — dwar is-siwi tad-diploma, dan l-iżball ma kellu ebda effett għax il-Kummissjoni qieset sew — f'mhux anqas minn tliet seduti — iċ-ċertifikat ta' l-attur u l-iżball issewwa fil-waqt.

"L-attur qiegħed jilmenta wkoll dwar il-kriterji tal-għażla u dwar il-fatt illi ntgħażel min ma kellux il-kwalifika akkademika li kellu hu.

"Li kien jintgħażel l-attur li kieku l-Bord tal-Għażla mexa fuq kriterji oħra u mhux dawk li fil-fatt mexa fuqhom ma huwiex prova, lanqas *prima facie*, ta' qerq. Li jrid l-attur hu li l-qorti tara jekk il-ħtiġijiet tal-ħatra li għaliha saret sejħa setgħux jinqdew aħjar li kieku ntgħażlu kriterji ta' għażla oħra flok dawk li mexa fuqhom il-bord. Iżda biex tagħmel hekk il-qorti jkollha tindaħal bil-goff fil-mod kif il-Kummissjoni, jew l-uffiċjali pubbliċi li għamlu x-xogħol tagħha, qdiet il-funzjonijiet tagħha, u dan hu proprju dak li ma jridx l-art. 115 tal-Kostituzzjoni. Jekk tagħmel hekk, il-qorti tkun qiegħda tinqeda b'setgħa illi, fin-nuqqas ta' prova, imqar *prima facie*, ta' qerq, ma għandhiex.

"Il-qorti tifhem il-pożizzjoni ta' l-attur u tissimpatizza miegħu għax tifhem illi, għalih, il-fatt illi ngħatat anqas importanza lil kriterju — il-kwalifika akkademika tiegħu — li, fil-fehma tiegħu, kellu jkun kriterju ewlieni jekk mhux ukoll waħdieni, joħloq fih sentimenti ta' inġustizzja, aktar u aktar meta dawk li qabżuh ma kinux wieħed jew tnejn iżda sitta. Iżda dak li soġġettivament jinħass bħala inġustizzja ma huwiex bilfors oġġettivament prova ta' qerq. L-għażla tal-kriterji hija eżerċizzju leġittimu tas-setgħat tal-Kummissjoni u ta' min jagħmel ix-xogħol tagħha.

---

[1] *Fol*. 2.

"L-eċċezzjoni għalhekk hija tajba u għandha tintlaqa'."

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, tichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza biex isir stharrig gudizzjarju tal-process ta' l-ghazla li ghandu jwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu l-konferma tas-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' April 2008;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;
Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur allega "irregolaritajiet" fil-process ta' l-ghazla ghall-post ta' Principal Agricultural Officer mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Hu kien diga` jokkupa l-kariga ta' *senior agricultural officer* fl-istess dipartiment u bhala tali setgha japplika ghall-kariga reklamata. Hu ma giex maghzul ghal dan il-post, u qed jallega li partikolarment ic-Chairman tal-Bord ta' l-Ghazla, appuntat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (PSC) biex tirrakkomanda min kien intitolat ghal dak il-post, agixxa b'qerq fil-konfront tieghu, meta ghadda informazzjoni zbaljata lill-istess PSC.

Il-konvenuti, in linea preliminari, eccepew li l-Qorti ma kellhiex gurisdizzjoni tissindika l-operat tal-Bord ta' l-Ghazla, u dan ai termini ta' l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni, riprodott mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha.

L-ewwel Qorti osservat li dan l-artikolu jnaqqas il-kontroll tal-Qrati fuq decizjonijiet mehuda minn awtoritajiet

pubblici, izda ma jaghtix immunita` totali ghall-agir jew decizjonijiet mehuda mill-istess awtoritajiet.

Fuq kollox, qalet l-ewwel Qorti, fid-dawl tal-principju *fraus omnia corrumpit*, dak l-artikolu ma jaghtix immunita` f'kaz li l-process ta' l-ghazla kien imnigges b'qerq.
L-ewwel Qorti dehrilha li qabel ma tistabbilixxi l-gurisdizzjoni taghha l-attur kellu juri *prima facie* illi kien hemm qerq jew imqar suspett gravi ta' qerq, u wara li analizzat l-allegazzjonijiet ta' l-attur sabet li l-ilmenti tieghu jolqtu aktar il-kriterji adoperati ghall-ghazla, u ma jinkwadrawx ruhhom fi prova, lanqas *prima facie*, ta' qerq. Ghalhekk, l-ewwel Qorti irrifjutat li tezercita l-gurisdizzjoni taghha biex tissindika l-agir tal-Bord ta' l-Ghazla u cahdet it-talba ta' l-attur.

L-attur appella mid-decizjoni, u jilmenta illi fil-fatt, ic-Chairman tal-Bord ta' l-Ghazla, il-konvenut Dr. Anthony Gruppetta, kien agixxa b'qerq, u kieku thalla iressaq il-provi tieghu, dan kien jigi ppruvat.

Din il-Qorti trid tirrileva li l-PSC ossia Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma gietx imsejha bhala konvenuta u dan hu nuqqas ghax, fl-ahhar mill-ahhar, kienet din il-Kummissjoni li ddecidiet, jew ahjar irrakkomandat lill-Prim Ministru, min kellu jiehu l-post u min le. Il-Bord ta' l-Ghazla mahtur mill-istess PSC, kellu biss il-funzjoni li jaghmel vetting ta' l-applikazzjonijiet skond kriterji stabbiliti, izda d-decizjoni finali kienet tal-PSC, peress li l-Prim Ministru, skond il-ligi, "ghandu" jagixxi skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni.

Il-PSC mhux hieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati taghna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jigi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' procedura li hi stess tkun ghamlet ghas-smiegh tal-kazi quddiema ("<u>Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku</u>", eventwalment ceduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jigi allegat li l-PSC agixxiet b'mod diskriminatorju ("<u>Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku</u>", diciza mill-Qorti Kostituzzjnali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess

PSC agixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment taghti r-rimedju opportun. Din il-Qorti zzid li anke jekk jigi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC agixxiet bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali jew agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, il-Qrati ordinarji jistghu u ghandhom jintervjenu. Il-principji tal-gustizzja naturali jridu dejjem u skrupolozament jigu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni mahtura biex tiehu decizjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` moghnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-principji b'impunita` (ara, per ezempju, il-kazijiet "Zammit vs Falzon", deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003 u "Mangion vs Cilia Pisani noe", deciza mill-Prim Alwa tal-Qorti Civili fl-20 ta' Mejju, 2004). L-istess jista' jinghad f'kaz ta' allegazzjoni ta' qerq.
Ovvjament, dan l-iskrutinju jista' jigi dirett mhux biss lejn l-ufficjali tal-PSC izda wkoll lejn dak l-ufficjal jew dak il-Bord maghzul mill-PSC biex jassistiha fil-qadi tad-dmirijiet ufficjali taghha; pero`, id-decizjoni ahharija tkun dejjem tal-PSC, u jekk dik id-decizjoni ma tigix attakkata, ikun inutili li jsir stharrig tal-process li jkun wassal ghal dik id-decizjoni – li minhabba f'hekk ma tkunx tista' tinbidel.

Id-decizjoni tal-PSC f'dan il-kaz, hi dik li hi, u ma giex mitlub li din tigi revokata jew tinbidel; la darba l-Qorti ma gietx mitluba thassar id-decizjoni tal-PSC, decizjoni li giet sanzjonata mill-Prim Ministru, ma jidhirx li l-attur jista' jinghata l-promozzjoni li qed jitlob, anke kieku kellu jinghata ragun dwar l-ilmenti tieghu.

Apparti dan, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma tarax li l-attur wera li l-ilmenti tieghu jindikaw suspett ta' qerq. Huwa jikkoncentra hafna fuq il-fatt li hu, u hadd aktar mill-applikanti, ghamel kors ta' studju fil-Writtle Agricultural College fir-Renju Unit. Il-Kummissjoni, pero`, li accettat li c-certifikat li kellu l-attur minn dan il-Kullegg "ma kienx semplicement certifikat ta' attendenza", qisitha din il-kwalifika, izda osservat li l-applikanti l-ohra kellhom ukoll certifikati "equivalent to if not higher than those of Mr.

Mattocks". L-attur jilmenta li c-certifikat tieghu li ngieb minn kullegg ta' dak il-fama internazzjonali bhal ma hu r-Writtle Agricultural College, kellu jinghata aktar weighting, pero`, hawn l-attur qed jidhol f'element soggettiv ta' l-ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-ufficjali mahtura, u mhux fi prova ta' qerq. Il-Qrati taghna kemm-il darba osservaw li huma ma jistghux jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ghal dik tal-Bord jew awtorita` moghtija s-seta' b'ligi li tiehu decizjoni – ara per ezempju, is-sentenza recensuri ta' din il-Qorti fil-kawza **Borg v. Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta** tad-9 ta' Marzu, 2007, fejn gie kwotat ukoll dak li qal Lord Diplock fid-The Tameside Case deciza mill-House of Lords fl-Ingilterra fl-1977, fis-sens illi: "The very concept of administrative discretion involves a right to choose more than one possible course of action upon which there is room for reasonable people to hold differing opinions as to which is to be preferred."

Lanqas il-fatt li l-konvenut Dr. Gruppetta iddeskriva c-certifikat li l-attur ottjiena mill-imsemmi kullegg bhala "certificate of attendance only", ma hu rilevanti, ghax il-PSC da parti taghha, stabbiliet li c-certifikat kien juri aktar minn hekk, pero`, xorta wahda, wara li l-attur talab re-ezami tal-kaz tieghu, dehrlu li ma kellux jirrevedi d-decizjoni tieghu.

L-attur ilmenta mill-fatt li hu ma nghatax opportunita` iressaq l-provi tieghu. Kif pero`, kif osservat l-ewwel Qorti, anke kieku l-ilmenti ta' l-atturi gew "ippruvati", dawn ma kienux iwasslu ghall-prova ta' qerq. Il-fatt li nghatat anqas importanza lill-kwalifika tieghu milli kien jippretendi, mhux indikazzjoni ta' qerq. Fil-fatt, il-Bord ta' l-Ghazla inghata kriterji fissi biex ghall-kwalifiki akkademici, l-applikant ma jinghatax izjed minn 15-il punt, fil-waqt li ghall-esperjenza u "related professional knowledge", jinghata punti sa massimu ta' 25 u 30. Dan hu kriterju oggettiv stabbilit minn qabel u ghalkemm l-attur jista' ma jaqbilx mieghu, ma gie indikat jew allegat ebda qerq fil-waqt li gew stabbiliti dawn il-kriterji. L-attur jilmenta mill-fatt li certu Sur C. Mifsud, li ma kellu ebda kwalifika, gie qablu fil-lista. Lil dan, fil-fatt, ma nghata ebda punt ghall-kwalifiki akkademici, ghax ma kellux kwalifiki, pero`, xorta gab

aktar punti mill-attur minhabba l-fatt li, kif gie stabbilit minn qabel, ghal dawn il-kwalifiki gew assenjati l-anqas punti. Kif inghad, l-attur mhux qed jilmenta mill-mod kif inharget is-sejha ghall-applikazzjonijiet u l-kriterji stabbiliti; fil-parametri ta' dawk il-kriterji, il-Bord ta' l-Ghazla, u finalment il-PSC, kellhom diskrezzjoni x'jezercitaw, u ghalkemm l-attur jallega, ma indikax agir li jindika qerq da parti ta' xi ufficjal.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------